**Deċizjoni tas-Sedja mogħtija mill Mr Speaker L-Onor Michael Frendo Seduta 315 tas-16 ta' Frar 2011**

Fis-seduta ta' dalgħodu, l-Erbgħa 16 ta' Frar, 2011, seduta numru 315, l-Onor. Joe Mizzi fil-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol talab li jkun hemm vot fuq l-aġenda, vot fuq l-Aġġornament u qal li qed iressaq mozzjoni li l-Parlament jaġġorna għal għada u l-aġenda għandha tkun il-mozzjoni mressqa mill-Kap tal-Oppożizzjoni fl-14 ta' Frar, 2011.

L-Onor. Tonio Borg issottometta li l-Mozzjoni tal-Aġġornament hija non contentious u hemm rulings tas-Sedja f'dak is-sens li ma jistax jittieħed vot.

L-Onor. Joe Mizzi u l-Onor. Anġlu Farrugia għamlu riferenza għar-ruling tas-Sedja dwar il-Public Accounts Committee fejn kien deċiż li l-aġenda ta' dak il-kumitat tista' tiġi kkontestata.

L-issue hawnhekk hija proċedurali u mhijiex kwestjoni jekk allura tistax tagħmel mozzjoni ta' aġġornament tal-Kamra jew le. Hija kwestjoni ta' meta tista' tagħmel tali mozzjoni.

Inoltre l-paragun mad-deċizjoni tas-Sedja li jagħmel riferenza għalih l-Onor. Mizzi ma jreġix billi x-xogħol tal-kumitat huwa regolat b'mod differenti minn dik tal-laqgħa tal-plenarja tal-Kamra, liema xogħol tal-laqgħa plenarja tal-Kamra huwa speċifikatament regolat mill-Ordnijiet Permanenti 17, 18 u 19.

Is-Sedja tikkonstata li din it-talba mqajma mill-Onor. Membru, kemm qabel kif ukoll wara li s-Sedja tat l-ewwel ruling tagħha fis-seduta tal-lum, tqajmet wara li x-xogħol tal-Kamra kien interrott. Fil-fatt kuntrarju għal dak li l-Onor. Mizzi kien għamel għar-rigward tat-talba għal ruling li għadu japplika Ordni Permanenti 8, dan il-punt li dwaru qed issir id-deċizjoni, tressaq wara li s-Sedja kienet diġà qalet li sar l-ħin u allura x-xogħol tal-Kamra kien interrott.

Is-Sedja tagħmel riferenza għall-Ordni Permanenti 10(3) li jgħid li "Ebda xogħol oppost ma għandu jitmexxa wara l-ħin stabbilit għall-interruzzjoni tax-xogħol".

Erskine May, Edizzjoni 23, huwa daqstant ċar u f'paġna 300 jgħid hekk:

"In the case of opposed business essential to the completion of the transaction on which the House is engaged at the moment of the interruption of business, the Speaker has overruled an objection to the taking of opposed business after that hour."

Is-Sedja tagħmel riferenza għal deċizjoni ta' Speakers preċedenti, fosthom l-Onor. Lawrence Gonzi u l-Onor. Myriam Spiteri Debono. Fis-seduta 391 tas-26 ta' Ġunju, 1990, l-Ispeaker Gonzi għamilha ċara li:

"Ġie stabbilit diġà li emendi għall-mozzjoni ta' dan it-tip, f'dan il-mument mhumiex in order. Bħalissa huwa mument ta' uncontested business u dawn it-tip ta' Mozzjonijiet irid ikollhom ukoll three days notice."

L-istess deċizjoni waslet għaliha l-Ispeaker Myriam Spiteri Debono ffaċċjata b'mozzjoni simili fis-seduta 217 tat-13 ta' Mejju, 1998 fejn ikkwotat l-istess Ordni Permanenti 10(3).

Għalhekk il-mozzjoni tal-Onor. Mizzi mhijiex proponibbli f'dan l-istadju u nitlob lill-Kap tal-Kamra li jressaq l-Aġġornament tal-Kamra.